LOAN FACILITY – PROVA TA' FTEHIM

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 7 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Numru. 4**
**Citaz. Numru. 2753/99/RCP.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Angela Simonds**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi s-socjeta` attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuta Angela Simonds;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta Angela Simonds fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u tlieta u sittin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm3,563.70) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account" tal-konvenuta Angela Simonds mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A25") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-efflettiv pagament;

Illi l-konvenuta Angela Simonds giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Lulju 1999 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "D" sabiex thallas d-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuta tghid ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tikkundanna lill-konvenuta Angela Simonds thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, hames mija u tlieta u sittin, liri Maltin u sebghin centezmu (Lm3,563.70) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account" tal-konvenuta Angela Simonds mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A25") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Lulju 1999 (Dok "B") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hi ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti ezebiti ma l-istess citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit:

1 Illi it-talba attrici hija intempestiva stanti illi is-self in kwistjoni sar bil-patt illi jithallas lura lill-attur kif u meta jinbieghu l-ishma tal-istess konvenuta fiz-zewg proprjetajiet li jinsabu il-Mellieha u fil-limiti ta' San Giljan rispettivament, liema bejgh baqa ma sarx b'ebda tort tal-konvenuta;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduti tal-14 ta' Marzu 2000 u tat-18 ta' Mejju 2000 fejn xehdet bil-gurament il-konvenuta. Dr Lanfranco ghall-konvenuta ddikjara li m'ghandux provi aktar hlief li jsebixxi xi korrispondenza. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tas-socjeta` attrici ghall-21 ta' Gunju 2000, b'dan li kull dokument li s-socjeta` attrici tressaq bhala provi kellhom jigu prezentati fir-Registru b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat il-verbal tas-seduti tal-21 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-iskop tal-verbal precedenti u tal-21 ta' Novembru 2000 fejn xehed Hubert Caruana. Dr Cassar ghas-socjeta` attrici ddikjara li

m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kawza odjerna titratta dwar "Loan Facility" koncessa mis-socjeta` attrici lill-konvenuta li ghalkemm interpellata baqghet inadempjenti. Illi min-naha taghha l-konvenuta eccepiet illi t-talba attrici hija ntempestiva stante illi s-self in kwistjoni sar bil-patt li jithallas lura kif u meta jinbieghu l-ishma tal-istess konvenuta fiz-zewg proprjetajiet li jinsabu l-Mellieha u fil-limiti ta' San Giljan rispettivament, liema bejgh baqa' ma sarx b'ebda tort tal-konvenuta.

Illi fix-xhieda taghha **Angela Simonds** qalet li hu minnu li kellha *loan account* mal-Bank of Valletta p.l.c. pero` "*the conditions were that I paid pack the loan as soon as there was a sale of property on my mother's side and we also had a konvenju on the property on my father's side*". Illi ghal dak li jirrigwarda l-bejgh ta' proprjeta` min-naha t'ommha kien hemm estensjoni tal-konvenju sa Settembru 2000 (vide Dok AS1 u AS2).

Illi rigward it-tieni konvenju li jirrigwarda proprjeta` min-naha ta' missierha qalet li kienu qed jistennew firma ta' kugin li jghix barra minn Malta u ma setghux jikkuntattjawh. Illi hi promettiet li kellha tipprezenta kopja ta' tali konvenju billi ggib kopja minghand l-amministratur tal-proprjeta` min-naha ta' missierha.

Illi x-xhud fuq domanda tal-Qorti rigward l-arrangament li ghamlet mal-Bank irrispondiet li m'hemm l-ebda kitba, pero` kien biss *'a verbal agreement'* mal-Manager tal-Bank. Illi hi tkellmet kemm ma Hubert Caruana, il-Manager ta' qabel, kif ukoll mal-Manager prezenti. Illi meta l-Qorti staqsietha jekk ircevietx l-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 1999, il-konvenuta qalet li hi rcevietha pero` ma rrisponditiex bil-miktub. Hi cemplet lil Bank Manager u marret tkellmu biex tispjegalu s-sitwazzjoni.

Illi in kontro-ezami hi giet mistoqsija jekk hux korrett li jinghad li *'at any moment in time Mr Hubert Caruana or any other bank representative accepted on behalf of the bank not to proceed against you before you eventually sell the property*" hi rrispondiet fl-affermattiv. Illi in oltre` l-Qorti staqsietha jekk kienx hemm dokument iffirmat dwar il-facilita` koncessa lilha hi spjegat li kien hemm pero` m'ghandiex kopja tieghu peress li kien arrangament privat bejn il-Bank Manager u hi.

Illi xehed ukoll **Herbert Caruana**, Assistant General Manager, mal-Bank of Valletta. Illi fiz-zmien li nghatat il-facilita` Angela Simonds hu kien Manager tal-Preluna Branch. Hu spjega li hi nghatat *'temporary encroachment*', illi hi klijenta li ta' spiss ituha *encroachment* u '*every now and then*' kienet dejjem thallas lura. F'dan il-kaz is-self ma kienx bil-miktub. Illi hu gie mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehmin illi l-Bank ma kienx se jipprocedi qabel ma l-konvenuta tbiegh il-proprjeta` in kwistjoni. Huwa qal li bl-ebda mod ma seta' jaghmel hekk peress li hu marbut bil-ligijiet tal-Bank.

Illi mill-provi prodotti ma rrizultax li kien hemm il-ftehim, kif sostniet l-attrici, li l-Bank ma kienx se jipprocedi qabel hi ma tbiegh il-proprjetajiet li semmiet fin-nota tal-eccezzjonijiet u fix-xhieda taghha. Illi rrizulta ampjament li s-self mertu tal-kawza odjerna sar, ghaliex in effetti hu ammess ukoll mill-attrici. Illi kwindi t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

(1) Tikkundanna lill-konvenuta Angela Simonds thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, hames

mija u tlieta u sittin, liri Maltin u sebghin centezmu (Lm3,563.70) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account" tal-konvenuta Angela Simonds mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A25") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament.

BI-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Lulju 1999 (Dok "B") u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra I-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta’ Frar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**7 ta’ Frar, 2001**